**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 34 - L-ERBGĦA 24 TA' NOVEMBER 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18:09.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

- ***Nota:*** Qabel bdiet il-laqgħa, l-Kunsill iltaqa' mal-President elett tar-Reġjun Tramuntana is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li ma kienx hemm apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti (seduta numru 33) li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021.

2.2 Arising minn para.2.5 tal-minuti preċedenti - Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li tintbagħat ittra uffiċjalment lill-Ministeru għaliex jidher li hemm xi żviluppi. Is-Sindku infurmatu li kellmet lill-Ministru li infurmaha li qed jaħdmu fuqha.

2.3 Arising minn para. 2.2 tal-minuti preċedenti - il-Kunsillier Gatt staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku infurmatu li qed jaħdmu fuq ir-restawr tal-istatwi iżda bil-mod.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fit-2 ta' Novembru saret żjara mill-Membru Parlamentari Ewropew Cyrus Engerer. Ġie diskuss il-ħidma tiegħu fil-Parlament Ewropew kif ukoll l-isfidi li l-Kunsill jiltaqa' magħhom. Hu wiegħed kull għajnuna fejn hu possibbli. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE, il-Kunsillier Brincat kif ukoll uffiċjali tal-MEP Cyrus Engerer.

3.3 Hi infurmat lill-Kunsill fil-ħtieġa li jiġu stabbiliti siti ġodda addizzjonali għall-bring in sites (BIS) minħabba obbligi legali skont il-liġi tal-ERA. Is-SE informa li ERA qed taċċetta li jista' jkun hemm sit fejn ikun hemm aktar minn sett wieħed ta' BIS. Il-Kunsill qabel li s-siti l-ġodda jkun: Fejn il-Ħniena Divina (fejn hemm il-bin tal-ħwejjeġ) u s-Salini. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jintalab lill-ERA biex jiġu installati CCTV fejn kull sit ta' BIS biex jonqsu l-problemi ta' rimi llegali.

3.4 Is-Sindku infurmat li ġie installat l-apparat tal-WIFI4EU fil-Kunsill kif ukoll fil-lokalità. Is-SE informa li din ġiet offruta wkoll lill-għaqdiet skont id-deċiżjoni tal-Kunsill u li jkun imiss jiġu installati f'siti oħra. Il-Gvern offra ħames konnessjonijiet tal-internet filwaqt li l-kumplament li kellhom jiġu installati kellhom jużaw il-konnessjoni tal-internet eżistenti. Huwa kompla jispjega li meta offra lill-għaqdiet tal-baned, scouts u MUSEUM, kienu biss l-iscouts u l-Ghaqda Marija Bambina li aċċettaw. Mill-bidu l-kuntrattur kien infurmat li tal-aħħar kellhom konnessjoni tal-internet. Tal-iscouts kien installat u għalihom ittieħdet konnessjoni mill-Kunsill u baqgħu jinstallaw sakemm ġew eżawriti l-ħames konnessjonijiet. Meta marru jinstallaw l-aħħar waħda fil-każin Marija Bambina instab li ma kellhomx konnessjoni tal-internet. Is-SE ikkonferma li għamel kuntatt mas-Segretarju tal-banda li infurmah li l-konnessjoni li kien hemm kienet tal-bar u li meta spiċċa neħħiha. Peress li ħasbu li se jkun provdut bħala parti mill-proġett ma kinux fetħu abbonament. Finalment, meta s-Segretarju tal-Każin kien infurmat eżatt kif se taħdem, informa li mhux interessati aktar.

3.5 Is-Sindku infurmat li fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli hemm problema bid-dawl. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qegħdin jippruvaw isolvu l-problema propju f'dawk il-jiem. Is-Sindku ċemplet lill-Inġinier u infurmaha li għalissa se jinxtgħel dawl proviżorju sakemm tiġi solvuta l-problema. Hi infurmat ukoll li se jibdew ix-xogħlijiet fuq il-pergola.

3.6 Visit Malta fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu offrew lill-Kunsill is-somma ta' €5,000 biex jintużaw għat-tiżjien tal-Milied. Dan minħabba li l-Ministeru qed iqis in-Naxxar bħala żona turistika.

3.7 Is-Sindku infurmat li l-Majjistral Action Group se jkollu l-laqgħa ġenerali u f'każ li l-Kunsill ikun irid jemenda l-istatut, il-Kunsill għandu jagħmel dan sas-7 ta' Diċembru.

3.8 Is-Sindku infurmat li fis-27 ta' Novembru se ssir il-konferenza annwali tar-Reġjun Tramuntana. Din se ssir fil-lukanda Dolmen mill-10:00 sat-15:30. Il-Kunsilliera kellhom jirċievu imejl sabiex jirreġistraw.

3.9 Is-Sindku infurmat li bħalissa għaddejin bix-xogħlijiet tas-*Civil Works* fuq il-proġett tal-*Outdoor Gym*.

3.10 Is-Sindku rreferiet għat-tabella tal-*One Way* li saret fit-Telgħa tal-Għaqba. Is-Sindku kkuntatjat lil IM fejn ġiet infurmata li minħabba li qed isiru xogħlijiet filgħaxija fit-Triq in-Naxxar, Ħal Lija, dik it-triq għandha tiġi temporanjament f'direzzjoni waħda filgħaxija biss u mhux matul il-ġurnata.

3.11 Fil-21 ta' Novembru saret il-Maratona Fun Run li ġiet organizzata mill-Malta Community Chest Fund b'kolaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillier Deguara tal-organizzazzjoni li saret. Il-Kunsillier Deguara informa li l-President ta' Malta ppreżenta plakka tal-okkażjoni lill-Kunsilli Lokali parteċipanti. Il-Kunsillier Deguara rringrazzja lil Otto Clubhouse, Naxxar Lions Football Club u Jimmy's Fruit and Vegetables talli provdew *sandwiches* u frott għall-maratona.

3.12 Is-Sindku infurmat li saru erba' bankijiet ġodda fi Ġnien il-Ħaddieda. Dawn il-bankijiet se jkunu ffinanzjati mill-Greenpak bħala parti mill-premju li kien rebaħ il-Kunsill.

3.13 Is-Sindku rringrazzjat lid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni minħabba li taw lill-Kunsill litter bins għall-belvedere fit-Triq il-Forġa.

3.14 Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa maċ-Ċermen u CEO ta' TM, is-Sur Joseph Bugeja. Flimkien miegħu kien hemm is-Sur Micheal Cohen u s-Sur Peter Paul Barbara. Il-laqgħa kienet dwar il-proposta tal-Metro tal-Kunsill. TM apprezzaw li l-Kunsill Lokali Naxxar kien wieħed minn tliet Kunsilli li taw l-ideat sabiex jiddiskutu l-proposti tal-metro. Preżenti għal laqgħa kien hemm is-Sindku, s-SE u l-Kunsillier Gatt.

3.15 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill Qed jipprova japplika għall-fondi għad-dawl tal-Milied mir-Reġjun Tramuntana.

3.16 Is-Sindku infurmat li l-każin Partit Laburista ħareġ bl-idea biex titħawwel siġra fil-Pjazza tan-Naxxar għal żmien il-Milied. Dan huwa ġest sabiħ però l-Kunsill xtaq aktar informazzjoni rigward dan. Il-Kunsillier Brincat għandu jgħati aktar informazzjoni lis-Sindku fil-jiem ta' wara.

3.17 Is-Sindku infurmat li ġie ffirmat il-ftehim ta' sħubija rigward is-*safe routes*. Diġà beda jsir ix-xogħol tal-marki fl-art. Il-Kunsillier Gatt informa li t-tnedija se ssir fid-29 ta' Novembru, fl-1 u fit-2 ta' Diċembru. Se jieħdu sehem it-tfal tal-iskola primarja tan-Naxxar. Ir-residenti għandhom jirċievu xitel tal-klin fid-djar.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Il-Viċi Sindku staqsa lis-SE dwar il-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Il-mistoqsija u t-tweġiba tal-Viċi Sindku jinsabu annessi f'A.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/34) anness f'appendiċi B.

5.1.2 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Ottubru anness f'appendiċi Ċ.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Ottubru anness f'appendiċi D.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Ottubru anness f'appendiċi E.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Deguara.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 18 ta' Novembru (anness f'appendiċi F).

6.2 Il-Kunsill approva l-minuti/rapporti wara proposta mill-Viċi Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

6.3 Fis-18:53 il-Viċi Sindku talab li jiġi skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

6.4 Il-Kunsillier Spiteri saqsa fuq punti numru 4 u 5.

6.5 Is-SE spjega fid-dettal dwar il-pagament tar-restawr tal-makkeniżmu u kif ukoll dwar il-*procurement checks* li kienu għamlu l-Managing Authority fuq il-kuntratt tal-*Finishing Works* tal-Mitħna. Is-SE offra lill-Kunsillier Spiteri biex jekk ikun irid informazzjoni, meta jrid jista' jiltaqa' miegħu ħalli jkun jista' jispjegalu kull diffikultà li jista' jkollu. Madanakollu l-Kunsillier Spiteri rringrazzjah u ddikjara li kien sodisfatt bl-informazzjoni.

6.6 Is-SE talab lill-iskrivana sabiex tibgħat il-minuti tal-laqgħa li kienet saret mal-Managing Authority.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 18 ta' Novembru (anness f'appendiċi Ġ).

7.2 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem con*) wara proposta mis-Sindku s-ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 8. IL-BAĠIT U L-PJAN

8.1 Is-SE ippreżenta l-baġit għas-sena 2021 biex iservi bħala għajnuna għall-Kunsill għall-formulazzjoni tal-baġit 2022 fejn ta spjegazzjoni tiegħu (anness f'appendiċi Ħ).

8.2 Is-SE ippreżenta wkoll dokument li jagħti informazzjoni dwar ħtiġijiet li l-Kunsill jista' jikkonsidra. Huwa semma li dawn kien hemm għaliex huma ħtiġijiet reali iżda l-limitazzjoni ta' riżorsi ma jippermettux li jitwettaq kollox u allura l-Kunsill kellu jagħżel hu l-prijoritajiet tiegħu. (anness f'appendiċi I).

8.3 Il-Kunsillier Brincat saqsa rigward kemm jiswew xogħlijiet bħal bankini, bozoz ġodda u affarijiet oħra. Wara diskussjoni fit-tul, is-SE informa li se jiddiskuti mal-accountant u jippreżenta rapport dwar kemm il-Kunsill jista' jonfoq.

## 9. PROPOSTA BIEX PARTI MINN TRIQ L-INGILTERRA SSIR F'DIREZZJONI WAĦDA

9.1 Is-SE informa li m'huwiex fil-pożizzjoni li jgħati rendikont tal-konsultazzjoni mar-residenti f'dik il-laqgħa minħabba li r-risposti kienu ħafna u varji.

9.2 Ġie deċiż li r-rapport jiġi evalwat fil-Kumitat tal-Imenti u jkun preżenti l-Kunsillier Gatt.

9.3 Il-Kunsill qabel.

## 10. LAQGĦA TAL-KOMMUNITÀ

10.1 Ġie deċiż li l-laqgħa ssir b'mod virtwali nhar it-Tnejn l-20 ta' Diċembru 2021 fis-7pm (wara l-laqgħa tal-Kunsill).

10.2 Il-Kunsill qabel.

## 11. ATTIVITAJIET

### 11.1 JUM IN-NAXXAR

11.1.1 Minħabba kwistjonijiet ta' Covid u minħabba li kien se jiswa wisq flus biex issir f'sala kummerċjali, ġie deċiż li l-attività ssir fis-sala tal-Kunsill fejn jintrama *set up* pulit u li tkun imxandra diretta fuq il-mezzi soċjali. Din se ssir il-Ħamis 9 ta' Diċembru kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti mill-Kunsill.

11.1.2 Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 se jkunu preżenti n-nominati biss u mistieden magħhom.

11.1.3 Il-Kunsill qabel li l-għażla tal-persuni li se jingħataw rikonoxximent, kif ukoll Ġieħ in-Naxxar ma jiddiskutihiex fuq livell ta' Kunsill iżda fil-forma ta' bord tal-għażla. Dan sabiex ma jagħmilx dak li se jiddiskuti pubbliku.

11.1.4 Il-Kunsill kien unanimu fil-qbil ta' dawn id-deċiżjonijiet.

### 11.2 ATTIVITÀ TAL-MILIED

11.2.1 Is-Sindku infurmat li għal din is-sena qed ikun ippjanat li jsir Presepju Ħaj bejn il-21 u s-26 ta' Diċembru. Dan kif kien komunikat lill-Kunsillieri permezz ta' Whatsapp u wara li kien hemm qbil.

11.2.2 Is-SE informa li l-vot allokat għall-attività issettjah għal €8,000 skont id-deċiżjoni tal-Kunsill fil-baġit. Infatti l-baġit kien ftit aktar iżda biex ikun ċert li ma jinqabiżx, l-ammont għamlu inqas, għall-eventwalità li xi spejjeż jiżdiedu. Fakkar li, la darba l-Kunsill kien qabel fil-prinċipju, allura qed jistenna l-istimi reali għal dan ix-xogħol.

11.2.3 Kien diskuss l-aħjar post għal dan il-presepju u kien suġġerit li possibilment isir f'Baħar iċ-Ċagħaq u t-tieni opzjoni tkun fejn il-Ħniena Divina. Is-SE għalhekk se jkellem lis-Sur Ino Bonello li huwa espert f'dan il-qasam biex jara liema l-aħjar post. Finalment id-deċiżjoni titħalla f'idejh.

11.2.4 Fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Brincat il-Kunsill approva din l-attività. Il-Kunsillier Spiteri vvota kontra filwaqt li ma kien hemm l-ebda astensjoni.

## 12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-20 ta' Diċembru 2021 fis-17:30.

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-20:27.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**

**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**